# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 t'Ottubru, 2015**

**Rikors Numru 208/2013 SM**

**Michele Peresso Limited**
**(C – 6469) u**
**Michele Peresso Fashion Limited**
**(C – 45807)**

**vs.**

***Upim S.r.l.* kumpanija estera**
**Registata Milan, l-Italja, *Cod.***
***Fiscale* 05034590967 u**

***Gruppo Coin S.p.A.* kumpanija**
**Estera registrata Mestre (VE*),***
***via Terraglio* n. 17, 30174, l-Italja**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu tramite r-rapprezentant taghhom, is-socjetatjiet rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi s-socjetatjiet rikorrenti huma attivament involuti fl-importazzjoni u fil-bejgh bl-imnut ta' hwejjeg u accessorji;

1.2. Illi huma wkoll distributuri ewlenin ta' numru ta' marki mondjali;

1.3. Illi joperaw ghalhekk diversi hwienet fil-gzejjer Maltin;

1.4. Illi s-socjetà intimata Upim S.r.l. (minn issa -il quddiem *UPIM*), kienet ditta rinomata ta' hwienet imferxa ma' l-Italja;

1.5. Illi s-socjetà l-ohra intimata *Gruppo Coin S.p.A.*, li kienet wahda mill-aktar socjetajiet Taljani involuti fid-distribuzzjoni ta' hwejjeg u accessorji, sofriet telf finanzjarju ingenti;

1.6. Illi fl-2008 is-socjetà rikorrenti *Michele Peresso Limited*, (minn issa -l quddiem *MPL*), bdiet negozjati ma' l-UPIM biex tkun tistà tirrapprezentha f'Malta;

1.7. Illi l-imsemmija negozjati tmexxew mill-oghla rapprezentanti taz-zewg nahat kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2);

1.8. Illi rizultat ta' l-istess gie konkluz *franchising agreement* esklussiv datat is-16 t'Ottubru, 2008, ghall-perjodu t'ghaxar (10) snin, rinnovabbli ghal ghaxar (10) snin ohra, (ara foll 95 *et sequitur*);

1.9. Illi in vista tal-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti l-ufficcjali ta' l-*UPIM* insistew li l-*MPL* takkwista jew tikri sit ta' l-ghola kwalità biex il-prodotti involuti jkollhom l-akbar vizibilitàm possibbli;

1.10. Illi bi qbil ma’ l-ufficcjali ta’ l-*UPIM* is-socjetà *MPL* fethet jew ippruvat tiftah tlett (3) hwienet kbar f’siti strategici, senjatament fil-kumpless ta’ Tignè, f’tas-Sliema, fi Triq Melita, il-Belt Valletta, u fid-Duke Shopping Complex, fi Triq ir-Repubblika, r-Rabat, Ghawdex;

1.11. Illi konsegwenza tal-fuq imsemmija ezigenza s-socjetà *MPL* ghalhekk ikkonkludiet kuntratti oneruzi hafna fir-rigward u nefqet somom ingenti f’benefikati u rrangar ta’ l-istess fondi mikrija;

1.12. Illi fl-inawgurazzjoni ta’ l-istess hwienet attendew l-oghla rapprezentanti ta’ l-*UPIM*, (ara foll 2);

1.13. Illi però jirrizulta li waqt it-trattattivi estensivi li kien hemm, l-istess ufficcjali gholja ta’ l-*UPIM* qatt ma zvelaw li l-*UPIM* hi l-istess socjetà Taljana li kienet falluta ghal kollox, b’passiv ta’ miljuni t’ewro, u li konsegwentement anke f’dak l-istadju din is-socjetà estera ma kienitx wahda vijabbli;

1.14. Illi sussegwentement irrizulta li anke f’dak il-perjodu ta’ negozjazzjoni bejn il-partijiet, ad insaputa ta’ l-*MPL*, l-istess socjetà estera kellha immagini fl-Italja li l-prodotti taghha kienu skaduti, antikwati u skadenti;

1.15. Illi effettivament ftit wara l-konkluzjoni tal-kuntratt bejn l-imsemmija kontendenti, l-*UPIM* inxtrat mis-socjetà intimata l-ohra *Gruppo Coin S.p.A.*, (minn issa -l quddiem *COIN*);

1.16. Illi l-effett ta’ l-istess rilevazzjoni socjetarja fuq indikata s-socjetà rilevanti kwazi zarmat il-hwienet kollha ta’ l-*UPIM* minn madwar l-Italja u b’hekk qatlet il-marki u l-hwienet kollha li din kellha biex minflok bdiet tintroduci l-marki taghha *OVS* u *COIN*;

1.17. Illi l-ftit negozji li raw li kien ghadu vijabbli taht il-marka *UPIM* gew ridirezzjonat taht l-isem *UPIM Pop*, (ara foll 3);

1.18. Illi wara l-finalizzazzjoni tal-kuntratt *de quo* bejn il-kontendenti, s-socjetà *UPIM* mill-ewwel kienet inadempjenti billi:

1.18.1. Kienet tibghat il-merkanzija f’Malta tard;

1.18.2. Kienet tibghat merkanzija antika;

1.18.3. L-ordnijiet lilha maghmula ma kienux jigu onorati minnha;

1.18.4. Kien ikun hemm konfuzjoni min-naha ta’ l-*UPIM* fil-konsenji mibghuta Malta;

1.18.5. Kien jirrizulta nuqqas ta’ katalogi;

1.18.6. Kien jintbghat materjal ta’ produzzjoni li kien meqjus mhux frisk u allura, mhux adattat ghall-konsumatur Malti;

1.19. Illi in effetti, meta l-*UPIM* ikkonkludiet il-kuntratt taghha mas-socjetà *MPL*, hi kienet granet il-boghod minn kollas socjetarju totali, (ara foll 3);

1.20. Illi kien biss l-intervent tal-*COIN* li salva wicc is-socjetà *UPIM*, (ara foll 3);

1.21. Illi l-konkluzjoni tal-ftehim ma’ l-*MPL* serva biss biex is-socjetajiet intimati jkollhom il-possibilità jehilsu minn kwantità mdaqqsa ta’ merkanzija skadenti a skapitu ta’ l-istess socjetà Maltija, (ara foll 3);

1.22. Illi ghalhekk min-naha tas-socjetà *UPIM* il-kuntratt minnha konkluz mas-socjetà *MPL* kien wiehed malizzjuz u malintenzjonat, *stante* li fic-cirkostanzi kif hawn elenkati l-kundizzjonijiet u t-termini pattwiti qatt ma setghu jigu onorati mill-*UPIM* jew sussegwentement mill-*COIN*;

1.23. Illi ghalhekk hu assodat li l-*UPIM* ma nnegozjatx in *buona fede* kif dovut, meta nnegozjat mas-socjetà *MPL*, (ara foll 3);

1.24. Illi fl-istess gurnata li kien inawgurat il-hanut fil-Belt, l-istess ufficcjali ta' l-*UPIM* issigillaw it-trasferiment ta' l-ishma ta' l-istess socjetà lill-*COIN*;

1.25. Illi l-istess *COIN* baqghet ghaddejja bl-istess agir malizzjuz riskontrat qabel mill-*UPIM* u instigat il-ftuh ta' hanut iehor f'tas-Sliema mill-*MPL* meta già kienet ikkoordinat il-pjani taghha kif fuq indikat;

1.26. Illi in effetti sahansitra anke weghdu lil *MPL* li jghaddulhom prodotti bil-marki esklussivi taghhom, liema weghdi qatt ma gew onorati;

1.27. Illi ghalhekk is-socjetajiet *MPL* u *Michele Peresso Fashion Limited*, (minn issa il-quddiem *MPFL*, jirreklamaw id-danni sofferti bhala konsegwenza ta' l-agir tas-socjetajiet intimati u konsegwentement aderew din il-qorti biex is-socjetajiet intimati jkollhom l-opportunità jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.27.1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetajiet intimati, jew min minnhom , huma responsabbli versu s-socjetajiet rikorrenti ghad-danni kkagunati bl-agir doluz taghhom;

1.27.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti kagun ta' l-imsemmi agir, okkorrendo bil-hatra ta' periti *nominandi*;

1.27.3. Tordna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati;

1.27.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet skont il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.27.5. B'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjetajiet intimati datata t-8 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-*UPIM* hi inezistenti *stante* li giet akkwistata mill-*COIN* b'effett mill-1 ta' Jannar, 2013:

2.1.1. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti ma jistghu qatt jirnexxu;

2.1.2. Illi ghalhekk it-talbiet taghhom fir-rigward ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.2. Illi *ai termini* ta' l-artiklu 741(a) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-qorti mhix kompetenti tismà u tiddeciedi din il-kawza u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez *stante*:

2.2.1. Illi din il-kawza mhix ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta;

2.2.2. Illi is-socjetajiet intimati ghandhom il-beneficcju li jissejhu quddiem qorti partikolari li mhix dik odjerna;

2.3. Illi l-istess socjetajiet intimati ghandhom ukoll jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez *ai termini* ta' l-artiklu 742 tal-Kap 12 fuq riferit *stante*:

2.3.1. Illi dawn is-socjetajiet intimati ma jikkwalifikawx bhala persuni li dwarhom tistà tinstema u tigi deciza kawza;

2.4. Illi l-kontendenti kienu ftehmu li kull disputa naxxenti mir-relazzjoni guridika taghhom kellha tigi regolata mill-ligi Taljana:

2.4.1. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti ta' Milan kellu jkollha gurisdizzjoni esklussiva fl-istess disputa;

2.5. Illi l-artiklu 5 (3) tar-Regolamenti Ewropei dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Esekuzzjoni ta' Sentenzi f'materji Civili u Kummercjali ma japplikax ghall-fattispeci odjerni;

2.6. Illi s-socjetà rikorrenti *MPFL* m'ghandiex interess guridiku biex tipproponi l-azzjoni odjerna *stante* li l-uniku relazzjoni li tezisti hi mas-socjetà *MPL*;

2.7. Illi s-socjetà intimata *COIN* ma tistax twiegeb ghal talbiet ibbazati fuq pretensjonijiet ta' natura delittwali u kwazi delittwali;

2.8. Illi *stante* li s-socjetatjiet rikorrenti intavolaw ukoll proceduri f'Milan kontra s-socjetajiet intimati, japplikaw l-artikli 27 u 28 tar-Regolament Ewropew dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Ezekuzzjoni ta' Sentenzi f'materji Civili u Kummercjali;

2.9. Illi t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma preskritti b'sentejn (2), *ai termini* ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 ta' l-istess Ligijiet fuq riferiti;

2.10. Illi fil-mertu, jigi ribadit sintetikament is-segwenti:

2.10.1. Illi d-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti kienu kkagunati minnhom stess billi:

2.10.1.i. Kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom lejn is-socjetajiet intimati;

2.10.1.ii. Illi din kellha konsegwenzi finanzjarji gravi fuq l-*UPIM*;

2.10.1.iii. Illi hafna drabi l-*UPIM* ma kienitx qed tithallas tal-merkanzija mibghuta lis-socjetà rikorrenti *MPL*;

2.10.2. Illi s-socjetajiet intimati qatt ma inponew decizjonijiet amministrattivi fuq is-socjetajiet rikorrenti;

2.10.3. Illi d-danni sofferti mis-socjetajiet rikorrenti kienu biss rizultat ta' decizjonijiet hziena taghhom stess;

2.10.4. Illi s-socjetajiet intimati ma kkagunaw l-ebda danni lis-socjetajiet rikorrenti;

2.10.5. Illi spetta ghal min qed jallega li jgib il-provi rigwardanti d-danni;

2.10.6. Illi s-socjetajiet rikorrenti kellhom l-obbligu jimmininizzaw id-danni;

2.10.7. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma infondati;

2.10.8. Bl-ispejjez kontra s-socjetajiet rikorrenti;

2.10.9. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzat li l-ewwel ghandhom jigu investiti disà (9) eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjetajiet intimati, (ara foll 40 flimkien ma foll 20 sa 22 u paragrafi numru tnejn punt wiehed, (2.1.), sa numru tnejn punt disgha, (2.9.), aktar qabel);

4. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tas-socjetajiet intimati datat l-14 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu irtira it-tmin (8) eccezzjoni preliminari ta' l-istess, (ara foll 21u foll 408);

5. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalità u fit-termini hemm indikati, (ara foll 557);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet intimati datata l-21 ta' Lulju, 2015, (ara foll 560), flimkien ma' dik tar-rikorrenti datata z-17 ta' Settembru, 2015, (ara foll 565);

Ikkunsidrat:

7. Illi in vista tal-premess tirrileva li din hi sentenza parzjali *ai termini* tal-verbal datat l-20 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu l-procedura odjerna kienet hemm ghalhekk iddifferita, (ara foll 557);

8.0. Illi fir-rigward jigi sintetikament sottolineat is-segwenti:

8.1. Illi l-procedura odjerna giet indirizzata mir-rikorrenti fil-konfront tas-socjetajiet intimati fejn jirrizulta li s-socjetà Upim S.r.l. giet mhux biss salvata mis-socjetà COIN S.p.a. izda baqghet tilluzinga lill-istess rikorrenti fl-operat socjetarju maghha konkluz meta kienet taf ben tajjeb li s-sitwazzjoni kummercjali taghha kienet prekarja u sahansitra kienet anke qed tipprocedi f'negozjati biex tittiehed kompletament mill-istess socjetà Coin fuq riferita;

8.2. Illi *di più*, jirrizulta wkoll assodat li wara li assorbiet lill-istess socjetà Upim fuq riferita, is-socjetà Coin ghazlet li tippartecipa fl-azzjoni odjerna u tikkonfuta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward l-allegata nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti odjerna biex tidditermina l-procedura odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi n-negozju in dizamina gie konkluz fil-gurisdizzjoni Maltija u kellu jigi wkoll ezegwit mill-istess partijiet fl-istess gurisdizzjoni;

9.2. Illi l-uniku limitazzjoni li tirrizulta hi li l-kontendenti jidher li qabblu li f'kaz ta' kwistjonijiet ir-relazzjoni kellha tigi rizolta *ai termini* tal-ligi taljana – haga li f'din il-fazi tal-procedura ghadha prematura;

9.3. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-klawsola 28.2. tal-"Franchising Agreement", (ara foll 115), li tghid:

> "Any dispute concerning the interpretation, validity, performance and termination of this agreement and of the single supplies of products by the Franchiser to the Franchise shall be subject to the exclusive jurisdiction of the Court of Milan. Without prejudice to the foregoing, the Franchiser shall be furthermore be entitled to summon the Franchisee before

the competent court on the basis of the registered offices of the Franchisee";

9.4. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-limitazzjoni gurisdizzjonali tirrigwarda biss dawk il-kwistjonijiet li jistghu jqumu bejn il-partijiet involuti fil-"franchise", u mhix estiza ghal kwalsiasi kwistjoni li tistà tirrizulta bejn l-istess kontendenti;

9.5. Illi in effetti, ghandu jkun pacifiku li l-vertenza in dizamina hi ghal kollox indipendenti mill-ftehim rigwardanti l-"franchise" u fil-fatt tikkoncerna kwistjoni ta' *dolo* jew negligenza grossolana allegatament kommessa mis-socjetajiet intimati li minhabba fihom ir-rikorrenti aderew din il-qorti in tutela tad-drittijiet li huma jidhrilhom li ghandhom;

9.6. Illi ghalhekk, *stante* li l-kwistjoni kontrattwali tal-"franchise" mhix il-mertu tal-procedura in dizamina, din il-qorti ssostni li allura ghandha gurisdizzjoni tismà l-lanjanza impoggija quddiemha *stante* li effettivament l-allegazzjoni in dizamina tirrigwarda d-dolo u n-negligenza allegati;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi *di più* jirrizulta wkoll sintetikament is-segwenti:

10.1. Illi s-socjetà intimata Gruppo COIN S.p.A assorbiet lis-socjetà Upim;

10.2. Illi però dan il-fatt ma jirrizultax li kien maghruf mir-rikorrenti qabel ma intavolaw il-procedura odjerna;

10.3. Illi s-socjetà Gruppo COIN S.p.A. ghalhekk assumiet d-drittijiet u l-obbligi kollha precedentement mizmuma mis-socjetà Upim;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi rigward il-preskrizzjoni sollevata mis-socjetajiet intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi f'dan ir-rigward, jirrizulta li s-socjetajiet intimati jikkontradixxu il-linja difensjonali taghhom *stante* li fejn precedentement sostnew li l-vertenza odjerna kienet wahda ta' natura kontrattwali u ghalhekk, rizervata ghall-qorti Taljana, hawn ivarjaw id-difiza u jsostnu minflok li l-vertenza hi ta' natura delittwali biex b'hekk jinvokaw il-preskrizzjoni biennali *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

11.2. Illi minn analizi fattwali tal-vertenza jirrizulta assodat li r-rikorrenti gew luzingati u mhollija jidhlu fi ispejjez ingenti ghaliex inghataw l-impressjoni li kienu qed jittrattaw ma socjetà serja li kienet ser izzomm l-impenji taghha fil-konfront ta' l-istess rikorrenti;

11.3. Illi l-preskrizzjoni in dizamina, senjatament dik rigwardanti l-*culpa in contrahendo* qabel il-konkluzjoni tal-kuntratt, tirrizulta li hi dik ta' hames (5) snin, (ara artiklu 2947 tal-Kodici Civili Taljan), li f'dan il-kaz ikun hekk applikabbli;

**DECIDE:**

12.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet intimati ma pprovawx ir-risposti preliminari taghhom, u konsegwentement:

12.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha preliminari tas-socjetajiet intimati;

12.2. Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza, din id-darba fuq il-mertu tal-kaz;

12.3. Tirriserva li tappunta l-istess kawza ghal kontinwazzjoni wara li tismà lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

12.4. Tirriserva li tipprovdi fuq il-kap ta' l-ispejjez fl-istadju finali tal-vertenza.

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**